

# Rajt il-knisja tinbidel

**Is-Sur Joseph Grech**

Sejjer neħodkom lura fiż-żmien meta fost in-nies ta' Marsaxlokk beda jinħass il-bżonn li jkollhom knisja. Veru li kien diġà hemm erba' knejjes żgħar, iżda dawn jew għax kienu 'l bogħod, jew għax kienu żgħar, ma kinux ta' dak id-daqs ta' knisja li xtaq il-poplu. Kien fis-sena 1890 meta tpoġġiet l-ewwel ġebla, u wara li ġiet imbierka beda l-bini ta' knisja ġdida, fuq pjanta li għamel Dun Ġużepp Diacono li kien kappillan tax-Xagħra Għawdex.



***Dun Ġużepp Diacono***

Il-knisja damet tinbena 'l fuq minn sentejn u ma kinitx xi waħda kbira. It-tul tagħha kien min-nofs il-kor sa anqas minn nofs il-kursija. Is-saqaf kien magħmul mit-travi u xorok u ma kellhiex koppla. Kellha biss kampnar wieħed mal-ġenb fuq in-naħa ta' wara. Imma għal dak iż-żmien kienet tajba. L-ewwel kappillan, Dun Salv Delia, kien imur jissellef minn knejjes oħra affarijiet sagri biex bihom jarma u jlibbes din il-knisja.

Kienet is-sena 1907, allura fi żmien it-tieni kappillan Dun Ġużepp Busuttil, li dan iddeċieda li jkabbar il-knisja. Il-ġbir minn fost is-sajjieda u mingħand il-benefatturi oħra ma kienx biżżejjed, u għalhekk il-kappillan iddejjen is-somma ta' sitt mitt lira. Bħala garanzija għal dak id-dejn huwa ipoteka l-ġid tiegħu. Sas-sena 1910 kienu nbnew kemm il-kor kif ukoll iż-żewġ kappelluni ta' mal-ġnub – tal-Kurċifiss u ta' San Vinċenz. Dawn ġew mibnija fuq stil kwadru. Issa l-knisja kienet ħadet forma ta' salib u ġiet tesa' nies id-doppju. Inzerta li f'dak iż-żmien f'Marsaxlokk kien hawn jogħqod il-Kanonku Dun Costantino Cilia la Corte. Dan kellu għal qalbu ħafna dan ir-raħal u għalhekk fis-sena 1913 ħareġ il-flus minn butu u nkariga lill-pittur famuż Giuseppe Calì sabiex fil-kappellun tax-xellug ipinġi l-kwadru ta' San Vinċenz Ferreri, waħda mill-opri sbieħ li għandna fil-knisja. Dun Ġużepp rama l-knisja mill-aħjar li seta' b'artali u kwadri. Minn Bormla ġab il-Kurċifiss li bih żejjen il-kappellun tal-lemin. Wieħed qarib tiegħu, ċertu Emmanuel Busuttil, irregala lill-knisja l-istatwa żgħira tad-Duluri, li llum tinsab fuq l-artal tal-Kurċifiss. Din l-istatwa inħadmet Lecce l-Italja.

Meta fis-sena 1918 kien fit-tmun tal-parroċċa Dun Rosario Balzan, issa t-tielet kappillan, huwa kompla fejn ħallew iż-żewġ kappillani ta' qablu. Huwa sab li nofs il-korsija kienet bla saqaf u li kienet qisha bitħa. Għalhekk inbena ħajt diviżorju fejn ħalla l-biċċa l-kbira tal-korsija barra mill-knisja. F'dan il-ħajt sar bieb kbir li minnu setgħet tgħaddi l-vara tal-Madonna għal barra. In-nisa kienu joqogħdu fil-kappellun ta' San Viċenz u l-irġiel fuq in-naħa l-oħra. Kienet sistema stretta, kulħadd kien jogħqod fuq in-naħa tiegħu. Kien fi żmien dan il-kappillan li l-pittur bravu Ġużeppi M. Caruana ħadem fuq l-erba' kwadri li hemm fil-kor: San Duminku, il-Battalja ta' Lepanto, San Pietru u San Pawl. Iżda kien il-Markiż Peppino Apap Testaferrata li pitter il-kwadru titulari tal-Madonna ta' Pompei li hemm fil-kor ukoll.

Iż-żmien taż-żgħożija tal-parroċċa kien għadda u issa kien wasal iż-żmien li din tiżviluppa u tikber. Kien il-Ħadd, it-18 t'April 1926, meta s-saċerdot Żabbari Dun Salv Gatt ħa l-pussess tal-parroċċa. Saċerdot prattiku u intelliġenti. Huwa ried li bil-mod ikabbar il-binja tal-knisja għax ra li kienet wisq żgħira għall-poplu Xlukkajr, li issa beda jiżdied sewwa. Hu ried jiżviluppaha sewwa u jagħmilha li tħabbatha ma' parroċċi oħra. Huwa xtaq li din il-knisja jkollha faċċata sabiħa. Ma qatax qalbu mill-faqar fost il-poplu, nies li kienu għadhom kif għaddew mill-għaks tal-Ewwel Gwerra Dinjija li spiċċat f'Novembru tal-1918. Hu beda jorganizza xi attivitajiet biex iġib il-flus.

*ikompli f'paġna 20 ...*



# ... Rajt il-knisja tinbidel

... *ikompli minn paġna 19*

Fis-sena 1930 il-bennej Ġużeppi Mifsud u sħabu (miż-Żejtun) bdew iħottu l-aħħar parti li kien fadal mill-knisja ż-żgħira tal-1892 u beda jibni l-kumplament tal-korsija u l-faċċata tal-knisja. Fis-sena 1933, l-aħwa Salvu, Ġużeppi, Ġammari u Anġlu Cumbo (kollha Xlukkajri) bdew jibnu l-kampnari tal-knisja għax il-korsija u l-faċċata issa kienu lesti.

Wara li nbnew il-kampnari, il-kappillan Gatt beda fuq ġewwa. Ġew magħluqa ż-żewġ bibien li jagħtu għas-sagristija u minflokhom inbnew żewġ artali, wieħed ta' San Ġużepp u s-Sagra Familja u l-ieħor ta' Sant'Andrija. Għad-dħul fis-sagristija ġew miftuħa żewġ bibien ġodda fir-rokna maġenb l-artali ta' San Vinċenz u tal-Kurċifiss. Imbagħad mill-istess sagristija, infetħu wkoll żewġ bibien ġodda għal ġol-kor, filwaqt li dawk li kien hemm qabel, ġew imbarrati.

Malli tlesta dan ix-xogħol kollu, il-Kappillan Gatt qabbad wieħed tas-sengħa sabiex mill-istess ġebel tal-ħitan u s-soqfa tal-knisja jiskultura ċerti disinji ta' fjuri, weraq eċċ.. Għaliex hu kien tal-fehma li kif kienu l-ħitan kienu lixxi wisq. Inbniet gallerija mdaqqsa għall-orgni li xtara mill-Isla. Aktar tard fl-1953, din il-gallerija ġiet imkabbra biex jitpoġġa l-orgni ġdid li nxtara fi żmien il-kappillan Dun Pantaleon Orland.

Issa kien wasal iż-żmien sabiex il-qniepen, li qabel kienu jindaqqu minn fuq is-sagristija, jiddendlu f'posthom fil-kampnari. Inxtrat qampiena li bdiet tissejjaħ 'Stella Maris' u ġiet ordnata oħra kbira li nħadmet fil-funderija tal-Gvern. Fis-sena 1936, l-Imgħallem Suban, li kien mill-Kalkara, poġġa l-arloġġ mal-faċċata tal-knisja.

Fiż-żmien li Malta kienet fil-gwerra, xogħol fil-knisja ma kien tkompla xejn. Għadd ta' Xlukkajri ħallew ir-raħal u marru jabitaw fl-għerien ta' Għar Friefet u Għar Dalam. Il-kappillan ta l-permess lill-poplu biex min ried li jħossu aktar żgur matul il-lejl, jista' jmur jorqod fil-knisja. Mas-sena 1943, il-gwerra bdiet tmajna minn fuq Malta. Bdew jidħlu l-*convoys* ta' vapuri bl-ikel u l-ġuħ u l-mard beda jispiċċa. Is-sajjieda reġgħu bdew jorganizzaw ix-xogħol tagħhom. F'pajjiżna kellna l-ġuħ u għalhekk il-ftit ħut li kien jinqabad kien jinħataf, bħal kull ħaġa oħra tal-ikel. Bil-progress li bdew jagħmlu s-sajjieda beda jiżdied it-terz li jagħtu s-sajjieda għall-Madonna, hekk li l-Kappillan Gatt għamel kuraġġ sabiex ikompli jiżviluppa u jsebbaħ il-knisja.

Fis-sena 1945 inkariġa lill-bennej mgħallem Żejtuni Rożu Abela sabiex jibdel l-istil taż-żewġ kappelluni u minn kwadri jagħmilhom f'forma t'arzella. Dan ix-xogħol kien lest fi żmien sena, imbagħad ġew indurati l-ħitan u s-saqaf b'kisi mill-lewn id-deheb. Fis-sena 1947, il-knisja ġiet iċċangjata bl-irħam.



Issa sa dan iż-żmien, il-Kappillan Gatt kien laħaq l-iskop tiegħu u rama l-knisja, speċjalment il-korsija. Fuq in-naħa tax-xellug fl-ewwel daħla, għamel in-niċċa tal-Madonna ta' Pompei, magħluqa f'niċċa tal-injam u l-ħġieġ. Imbagħad fit-tieni daħla, żied l-altar bil-kwadru ta' Santa Katarina, xogħol ta' Lazzru Pisani. Fit-tielet daħla sar altar bil-kwadru ta' Ġesù u Santa Margerita, xogħol ta' Ramiro Calì. Fuq in-naħa tal-lemin tal-korsija, fl-ewwel daħla sar l-altar ta' Santa Tereża, xogħol u donazzjoni ta' Ġorġina Mifsud (miż-Żejtun). Fit-tieni daħla sar l-artal tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol ta' Ramiro Calì wkoll, u fit-tielet daħla sar l-artal tas-Salvatur, ukoll xogħol ta' Ramiro Calì. Issa l-knisja kienet armata tajjeb. Inġieb tużell il-ġmiel tiegħu biex jintrama fil-festi. Iż-żewġt iġnub tal-kor ukoll intramaw f'forma ġdida bil-bankijiet tal-kewba.

*ikompli f'paġna 21 ...*



## ... Rajt il-knisja tinbidel

*... ikompli minn paġna 20*

Kien ukoll fis-sena 1947 meta beda jinħatt is-saqaf li kien qisu platt kbir jgħatti t-toqba li kienet minflok il-koppla. Nies voluntiera bdew itellgħu l-ġebel fuq is-saqaf tal-knisja permezz ta' *winch* jaħdem bl-idejn. L-imgħallem Rożu Abela u sħabu bdew jibnu l-kopla. Il-kappillan Gatt għamel kuraġġ kemm bil-flus li bdew jagħtuh is-sajjieda u kif ukoll bil-flus li kien qed idaħħal mir-reċti teatrali tal-Kumpannija Teatrali Erkole. Il-koppla nbniet fuq stil doriku, jiġifieri oktagonali u bi tmien twieqi. Saret koppla sabiħa u biha l-knisja ġiet żviluppata għal kollox minn dak li hu xogħol tal-bini. Il-Kappillan Gatt talab sabiex min irid jista' jħallas xi tieqa, u kienu s-*Sea Scouts Group* li ħallsu Lm 5 sabiex issir l-ewwel tieqa tal-koppla. Imbgħad inqalgħu nies oħra għas-seba' twieqi l-oħra. Xi żmien wara, il-pittur Żejtuni Toussaint Busuttil ġie inkarigat sabiex ipinġi l-kwadri tal-koppla u l-lunetti.

Ta' min jgħid li matul dan iż-żmien li fih il-knisja żvilupat, l-għajnuna qatt ma naqset. Ta' min ifaħħar lix-Xlukkajri, li mhux biss kienu ġenerużi biex jagħtu l-flus meħtieġa, iżda wkoll li matul is-snin, meta kien qed isir xi bini għall-knisja, meddew idejhom u l-ġebel għall-bennejja tellgħuh kollu huma. Dawn saħansitra kienu jixxabtu fuq xi ċinta biex jarmaw l-armar u għamlu ħafna xogħol volontarju, speċjalment fil-ġarr tal-qniepen għall-kampnari.

Hekk rajna l-ewwel ħamsin sena mill-bini tal-knisja parrokjali. Il-kappillani li ġew wara kollha ħadmu u komplew issebbħu din il-knisja. Għalhekk it-tbatija u s-sagrifiċċji ta' missirijietna qegħdin ingawduhom illum, meta Marsaxlokk jista' jiftaħar li għandna tempju ferm sabiħ li jixraq lil Alla u lill-Madonna patruna tagħna. Jien inħeġġeg lix-Xlukkajri biex ngħarfu ngħożżu dan it-tempju qaddis. ❖

**Peppin Garage Ltd.**



24hrs Hire Service

67, Birżebbugia Road, Għaxaq
GXQ 9018 - Malta

Tel Office: +356 2780 8805
Tel Garage: +356 2180 8805
Mob: + 356 9947 4904

E-mail: info@peppintransport.com
Web: www.peppintransport.com

Hiring of Coaches,
Mini Buses,
Wheelchair excess vehicle
& Taxi Service